# X'WASLILNA

Sal-lum hawn eluf li qraw "L-Ewwel Ktieb" tal-"Ġabra ta' Ward" midmum u maħruġ taħt l-isem ta' E. B. Vella, għall-Iskejjel Elementari tal-Gvern. Jisgħobbina li aħna ma stajniex nitkellmu minnu qabel.

Il-ktieb, mitbugħ Londra, mill-Oxford University Press.

L-Illustrazzjonijiet huma xogħol ta' R. Caruana Dingli.

Jidhrilna illi l-ktieb hu maħdum tajjeb biż-żejjed, sewwa fil-materjal u sewwa fit-taqsim u fiż-żina li titlob is-sengħa.

Minn għat-tagħlim li fih u għad-dehen li bih it-tagħlim hu mqassam u meqjus li jġib għall-intelligenza tat-tfal żgħar, il-ktieb jidhrilna li hu xierak u sabiħ: kollox ħafif, kollox qasir, kollox jixgħel il-fantasija u l-qalb taċ-ċkejknin.

L-ortografija hi dik tal-Għaqda tal Kittieba tal-Malti, il-lum magħrufa mill-Gvern u magħżula għall-pubblikazzjonijiet tiegħu.

Meta nqisu ma' kemm twegħir għandu wieħed jiltaqa' fil-ġabra, fit-tqassim u fin-nisġa ta' ktieb bħal dan, ma nistgħux ma ngħidux minn qalbna "Prosit".

* * *

Dawn il-ġranet ħareġ wkoll il-ktieb ta' l-istorja ta' Malta taħt l-isem ta' *"Il-Gżejjer ta' Malta u l-ġrajja tagħhom"* mit-tabib Sir Temi Zammit, mitbugħ it-tieni darba u mirqum u miżjud. Ma hemmx bżonn ingħidu fit-tul fuqu, dan il-ktieb, għax hu magħruf tajjeb hu hekk imfittex li l-kittieb kellu joħroġ din it-tieni ħarġa tiegħu. Nittamaw li dan il-ktieb jimxi fl-idejn ta' kulħadd l-ewwelnett għax, bħala Storja ta' Malta, għandu jkun f'idejn kulħadd, l-iżjed f'idejn it-tfal u ż-żgħażagħ u mbagħad għax miktub tajjeb b'Malti mill-aħjar u b'ortografija tajba—u għal dan huwa rahan biż-żejjed l-isem ta' Sir Temi Zammit.

# IL-WERREJ TAL-GHAXAR SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| Wara Disa' Snin . . . . . . . | | 3 |
| Lill-Baħar . . . . . . . . | Mons. Gauci | 5 |
| Otia Aestiva . . . . . . . | Dun Karm | 6 |
| Kif iduru r-Rjieħ ma' Malta . . . . | V.M.B. | 10 |
| Żeżina u Żewġha Belinn . . . . | T.Z. | 11 |
| Ir-Rażna . . . . . . . | Dun Karm | 13 |
| Tagħlim għat-tfal (dwar il-kwiekeb) . . | A.C. | 14 |
| Lapsi . . . . . . . . | T.Z. | 17 |
| L-Id ta' l-Imgħallem . . . . . | R.M.B. | 20 |
| Serq mill-Knisja ta' Lampedusa . . . | G. Gatt | 21 |
| Ta' l-Aħħar jiġu l-Ewwel . . . . | R.M.B. | 25 |
| Il-Madonna ta' Trapani . . . . . | G. Gatt | 28 |
| Iż-Żrigħ bikri għalih ikri.... . . . | V.M.B. | 30 |
| Ir-Riħ u l-Pinnur . . . . . | R.M.B. | 31 |
| Kotba li waslulna . . . . . . | | 32-144 |
| Poeżija tagħna . . . . . . . | | 33 |
| Taqriq-il-għajnejn . . . . . . | V.M.B. | 34 |
| L-Aħħar tislima ta' Wolsey . . . . | * | 35 |
| Iż-Żjara tiegħi lil G.K.C. . . . . | Dun Karm | 36 |
| L-Arloġġ tal-Baxa . . . . . | T.Z. | 39 |
| "Katrin ta' l-Imdina" ta' Dwardu Cachia . | Dun Karm | 42 |
| Mikiel Anton Vassalli . . . . | A.C. | 59-91-129 |
| L-Abbati tal-Palazz tas-Sinjura Bettina . | Kan. G. M. Farrugia | 62 |
| Ir-Rev. C. L. Dessoulavy ta' Londra hawn Malta | | 65 |
| Kemm hu kbir il-Amar t'Alla . . . | R.M.B. | 68 |
| Siġar u Ismijiet ta' xi Rħula . . . | T.Z. | 69 |
| Liż-Żahrija . . . . . . . | V.M.B. | 70 |
| L-Istorja tal-Musbieħ . . . . . | L.C. | 71 |
| Il-Ġilju u l-Warda . . . . . . | P.P.M.B. | 75 |
| Sika trid tiżżewweġ.... . . . . | R.M.B. | 78 |
| Qassis Ġdid . . . . . . . | Dun Karm | 80 |
| Verbi bil-*għ* fl-aħħar u Verbi neqsin . . | F.S. Caruana | 81 |